C/2024/4061

12.7.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Difiża tad-Demokrazija

(COM(2023) 630 final)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) 2018/1724 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva (UE) XXXX/XXXX

(COM(2023) 636 final)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937

(COM(2023) 637 final)

(C/2024/4061)

Relatur: **Christian MOOS**

Korelatur: **José Antonio MORENO DÍAZ**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 25.1.2024 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 24.1.2024
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	12.4.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	24.4.2024
Sessjoni plenarja Nru	587
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	206/1/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Id-demokrazija liberali fl-Ewropa tinsab taħt attakk, kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa l-Unjoni Ewropea (UE). Matul dawn l-aħħar snin sar progress konsiderevoli biex id-demokrazija Ewropea ssir reżiljenti għal dan it-theddid, madankollu, jeħtieġ li jsir ħafna aktar biex jiġu protetti l-UE, id-demokrazija tagħha u, b'mod aktar speċifiku, l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin ([1]).

1.2. Is-soċjetà ċivili organizzata, iċ-ċittadini u l-imsieħba soċjali għandhom rwol kruċjali biex tiġi mħarsa u żgurata d-demokrazija Ewropea. Il-parteċipazzjoni tagħhom fil-politika fil-livelli Ewropej u nazzjonali għalhekk jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar, b'azzjonijiet li jmorru lil hinn mill-proposti tal-Kummissjoni, kif irrakkomandat f'din l-Opinjoni.

1.3. Din hija preċiżament ir-raġuni għaliex huwa ta' dispjaċir li l-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija ġie propost tard wisq biex tiġi żgurata implimentazzjoni korretta qabel l-elezzjonijiet Ewropej fl-2024 u ma jqisx is-suġġerimenti tal-KESE dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea ([2]).

([1]) Meta jsemmi d-"demokrazija", il-KESE dejjem jifhem "demokrazija liberali".
([2]) ĠU C 341, 24.8.2021, p. 56.

1.4. L-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi tal-UE hija theddida reali għad-demokrazija Ewropea u jeħtieġ li tiġi kkontrollata. Għalhekk, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja bis-sħiħ l-objettivi tad-direttiva proposta, iżda ma jaqbilx bil-qawwa mal-mezzi proposti. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq u frammentazzjoni regolatorja, huwa jappella għal approċċ komprensiv fil-livell tal-UE li ma jinvolvix spejjeż jew riskji addizzjonali, u li ma jistigmatizzax lill-fornituri tas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi, ma jċekkinx l-ispazji ċiviċi fl-UE, ma jnaqqasx il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistri ta' trasparenza eżistenti fil-livell nazzjonali, jew ma jimminax l-kredibbiltà tal-UE bħala attur internazzjonali.

1.5. Tali approċċ komprensiv fil-livell tal-UE biex tiġi kkontrollata l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi tal-UE jeħtieġ li jkun ċar u applikabbli faċilment għall-atturi kollha soġġetti għal-leġiżlazzjoni, inklużi persuni fiżiċi, NGOs u kumpaniji żgħar. B'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiddefinixxi b'mod ċar it-termini użati, speċjalment "attività ta' rappreżentanza tal-interessi", tipprovdi kriterji ċari biex jiġi vvalutat liema entitajiet barranin huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni, tkopri s-sottokuntratturi kollha fl-UE u xxejjen il-lakuni eżistenti fir-rigward ta' forom speċifiċi ta' finanzjament.

1.6. Il-KESE ma jarax biżżejjed progress lejn it-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea fl-elezzjonijiet Ewropej, u għalhekk jappella biex il-proċess elettorali jsir kompletament aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE b'diżabilità, u aktar inklużiv u reżiljenti, billi jiġi armonizzat il-proċess elettorali fl-Istati Membri kollha. Bħala l-ewwel pass, dan jista' jinkiseb billi jiġu adottati r-riformi reċenti tal-liġi elettorali Ewropea, isir aktar investiment fl-edukazzjoni politika u titqajjem kuxjenza għall-elezzjonijiet Ewropej li jmiss u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni politika tan-nies kollha li jgħixu fl-UE.

1.7. Il-KESE jappella għat-tisħiħ tad-demokrazija parteċipattiva u forom innovattivi ta' involviment ċiviku – li huma komplementari għad-demokrazija rappreżentattiva – fil-livelli Ewropej u nazzjonali. Tali opportunitajiet ġodda għall-parteċipazzjoni politika jeħtieġ li jkunu jinftiehmu faċilment u inklużivi, u ma għandhomx jeskludu liċ-ċittadini, speċjalment il-gruppi l-aktar żvantaġġati, billi jistabbilixxu limiti mhux meħtieġa. Dawn iridu jkunu wkoll trasparenti fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-limiti tagħhom fl-eżerċitar tal-influwenza. L-oqfsa ġenerali proposti għal parteċipazzjoni effettiva fil-livell nazzjonali, u l-proposta biex is-sit web *Semma' Leħnek* jinbidel f'punt uniku ta' servizz għall-involviment taċ-ċittadini, huma proposti li jippromovu li jsir progress. Madankollu, huma meħtieġa passi ulterjuri, bħal riforma tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE), u qafas fil-livell tal-UE għal parteċipazzjoni effettiva.

1.8. L-aħjar mod biex niddefendu d-demokrazija huwa li nipproteġu l-valuri fundamentali u ninkludu gruppi żvantaġġati.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. L-indħil barrani moħbi huwa theddida dejjem tikber għall-proċessi demokratiċi fl-Unjoni Ewropea u d-demokrazija liberali bħala tali, minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi u kriżijiet multipli.

2.2. Il-KESE jilqa' l-progress li sar permezz tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, u jenfasizza r-rwol ewlieni tas-soċjetà ċivili biex jiġi żgurat il-funzjonament tad-demokraziji u biex dawn isiru reżiljenti. Madankollu, jinnota li s-suġġerimenti ewlenin tal-Opinjoni tal-KESE dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea għadhom ma tpoġġewx fil-prattika, u jappella sabiex dawn jiġu implimentati malajr.

2.3. Il-KESE jilqa' l-isforzi konkreti li saru biex jittejjeb l-involviment taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ). Madankollu, itenni l-appell tiegħu biex ikompli jiġi żviluppat qafas fil-livell tal-UE għal formati deliberattivi u strateġija għal djalogu mas-soċjetà ċivili organizzata (li jirriżultaw fi pjan ta' azzjoni), u biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali ([3]).

2.4. Ir-rigress demokratiku qed irabbi l-għeruq anke fl-UE. It-theddida għad-demokraziji Ewropej ma tiġix biss minn barra iżda hija wkoll endemika fl-Unjoni, u tirrikjedi approċċ komprensiv fil-livell tal-UE biex jiġu protetti d-demokraziji Ewropej kontra theddid intern u estern.

([3]) ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, punt 1.5, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj.

2.5. L-UE għamlet progress ġmielu fit-titjib tad-demokrazija fil-livell supranazzjonali. Madankollu, jeħtieġ li l-isforzi jiżdiedu b'mod urġenti. Tqajjem tħassib matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFoE) u dan jeħtieġ li jiġi indirizzat qabel it-tkabbir possibbli tal-UE.

2.6. L-elezzjonijiet Ewropej fl-2024 se jkunu test deċiżiv għar-reżiljenza tad-demokrazija Ewropea. Il-KESE jistieden lill-atturi nazzjonali u Ewropej kollha biex jippreżervaw il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet kollha u jiddefendu l-prinċipju li d-demokrazija u d-drittijiet fundamentali huma pedamenti interdipendenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

3. **Kummenti dwar id-Direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi**

3.1. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ biss l-għan tal-leġiżlazzjoni proposta li r-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fl-UE ssir trasparenti, iżda mhux id-direttiva proposta biex dan jinkiseb. Għalhekk, jappella għal approċċ aktar ġenerali biex tiġi indirizzata l-isfida urġenti tal-indħil barrani.

3.2. Bħalissa, 15-il Stat Membru tal-UE għandhom reġistri nazzjonali għall-fornituri tas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi, u Stati Membri oħra qed jaħdmu fuq leġiżlazzjoni ġdida. Għalhekk, il-KESE huwa mħasseb li din il-frammentazzjoni regolatorja u l-leġiżlazzjoni proposta jistgħu joħolqu distorsjonijiet ġodda u jirriżultaw fi spejjeż addizzjonali għall-fornituri tas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi.

3.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi miġġielda l-korruzzjoni biex nikkumbattu l-indħil barrani illegali u jappella għal Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) aktar b'saħħithom biex tiġi evitata l-korruzzjoni barranija fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej u dawk involuti fit-tħejjija tad-deċiżjonijiet.

3.4. Il-KESE huwa mħasseb ukoll li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva proposta dwar l-armonizzazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni attwali tagħha jistgħu jnaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistri nazzjonali ta' trasparenza eżistenti billi jillimitawhom għal servizzi ta' rappreżentanza mwettqa f'isem pajjiż terz. Bħalissa dawn ikopru s-servizzi kollha ta' rappreżentanza tal-interessi fis-suq intern.

3.5. Il-KESE jikkondividi l-kritika espressa mill-gvernijiet nazzjonali fl-UE, u minn atturi ewlenin tas-soċjetà ċivili bħal Civil Society Europe, li l-leġiżlazzjoni proposta tista' tistigmatizza lill-fornituri tas-servizzi li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, li ġġorr ir-riskju li l-ispazju ċiviku fl-UE jiċkien u timmina l-kredibbiltà tal-UE bħala attur internazzjonali li jippromovi l-valuri Ewropej.

3.6. Il-KESE huwa mħasseb ħafna wkoll li l-leġiżlazzjoni proposta jista' jkollha impatt negattiv fuq l-organizzazzjonijiet u jkollha effett dissważiv fuq l-atturi onesti u d-dritt tagħhom li jattiraw finanzjament, bħala parti mil-libertà ta' assoċjazzjoni.

3.7. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tabbozza proposta leġiżlattiva ġdida li tinvolvi approċċ komprensiv fil-livell tal-UE li jevita l-frammentazzjoni regolatorja u jelimina d-distorsjonijiet fis-suq intern, iżda jevita l-istigmatizzazzjoni u l-ispejjeż u r-riskji addizzjonali għall-fornituri tas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi, inklużi l-kumpaniji u l-NGOs attivi fi Stati Membri differenti tal-UE.

3.8. Il-KESE jemmen li leġiżlazzjoni għal standards komuni ta' trasparenza u responsabbiltà għar-rappreżentanza tal-interessi għandha tkun komplementari għad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ([4]). L-istandards tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont għar-rappreżentanza tal-interessi jistgħu jkunu ta' għajnuna biex issir distinzjoni aħjar bejn l-attività leċita u l-influwenza illeċita, u għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' kunflitti ta' interess.

3.9. Approċċ bħal dan iservi l-objettivi stabbiliti fid-Direttiva proposta waqt li jimminimizza r-riskju li l-atturi li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi jiġu stigmatizzati, jew li jista' jservi wkoll bħala skuża għal xi pajjiżi terzi biex jadottaw atti ta' influwenza barranija aktar restrittivi li jistgħu jirrestrinġu wkoll l-azzjoni tas-soċjetà ċivili ta' pajjiżhom.

3.10. Id-definizzjoni ta' "attività ta' rappreżentanza tal-interessi" hija vaga. Filwaqt li ċerti attivitajiet (eż. dawk relatati mat-tfassil tal-aġenda) mhumiex imsemmija b'mod espliċitu, għadu mhux ċar jekk attivitajiet oħra, bħar-riċerka applikata (li tgħin ir-rakkomandazzjonijiet tal-politika), humiex koperti jew le. Nuqqas ta' ċarezza bħal dan fid-definizzjonijiet tul id-dokument kollu joħloq ukoll inċertezzi f'oqsma oħra, bħal attivitajiet relatati mad-djalogu ċivili.

3.11. Jekk il-Kummissjoni beħsiebha tkompli l-ħidma fuq id-direttiva proposta minflok ma tfassal proposta leġiżlattiva ġdida kif appella l-Kumitat, il-KESE jistieden lil-leġiżlaturi jipprovdu definizzjoni aktar ċara ta' "attività ta' rappreżentanza tal-interessi" biex persuni fiżiċi u entitajiet ġuridiċi iżgħar ikunu jistgħu jivvalutaw, mingħajr konsultazzjonijiet legali ta' piż, jekk l-attivitajiet tagħhom humiex soġġetti għal-leġiżlazzjoni jew le.

3.12. Il-KESE jitlob kriterji ċari biex il-forniturі ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi u s-sottokuntratturi tagħhom ikunu jistgħu jivvalutaw faċilment jekk l-azzjonijiet ta' entità pubblika jew privata msemmija fl-Artikolu 2(4)(b) jistgħux jiġu attribwiti lil entità msemmija fl-Artikolu 2(4)(a).

3.13. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li jiġi ċċarat li kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll l-entitajiet ġuridiċi kollha huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni.

3.14. Il-KESE jqis li hija lakuna perikoluża li l-leġiżlazzjoni ma tkoprix l-appoġġ istituzzjonali u l-finanzjament tal-proġetti għall-organizzazzjonijiet, anke meta tali fondi fil-fatt jintużaw għal attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi. It-tixjin tal-lakuna jeħtieġ soluzzjoni li ma toħloqx piż żejjed fuq is-soċjetà ċivili b'obbligi amministrattivi.

3.15. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-informazzjoni li ser tiġi ppubblikata fir-reġistru dwar il-forniturі tas-servizzi ewlenin ta' rappreżentanza tal-interessi kontraenti tinkludi d-dettalji kollha tas-sottokuntratturi kollha li jipprovdu servizzi ta' rappreżentanza, inkluża "deskrizzjoni tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi u t-tul ta' żmien stmat tagħha".

3.16. L-iskadenza għat-tneħħija tal-forniturі ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi għal pajjiżi terzi mir-reġistru fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara n-notifika li ma għadhomx jikkwalifikaw bħala entitajiet skont l-Artikolu 3(1) timmina serjament il-possibbiltà ta' skrutinju pubbliku ex post tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi. Għalhekk, il-KESE jipproponi li tinħażen informazzjoni dwar dawn l-entitajiet fir-reġistru għal minimu ta' erba' snin wara t-talba, li turi b'mod ċar id-data meta ntemmet l-aħħar attività li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

4. **Kummenti dwar ir-rakkomandazzjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti**

4.1. Il-KESE jikkritika l-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjoni sitt xhur biss qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Huwa tard wisq biex id-destinatarji kollha tiegħu jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet mogħtija.

4.2. Għalhekk jappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jmiss biex jieħdu inizjattiva aktar komprensiva biex ikomplu jarmonizzaw il-proċeduri għall-elezzjonijiet Ewropej fl-Istati Membri kollha u jkomplu l-inizjattiva biex jittejbu d-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-UE ferm qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2029, waqt li jqisu r-rakkomandazzjoni, ir-rapport tal-Kummissjoni li jmiss dwar l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 u r-rapport dwar iċ-ċittadini tal-UE tal-2026.

([4]) ĠU C, C/2024/886, 6.2.2024, punt 5.2, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/886/oj.

4.3. Il-KESE jinnota b'dispjaċir li, mill-adozzjoni tar-rapport ta' informazzjoni dwar *Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew* ([5]) f'Marzu 2019 u l-Opinjoni dwar *Il-ħtieġa li jiġu garantiti drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew* ([6]) f'Diċembru 2020, ma kien hemm l-ebda titjib sinifikanti fil-kapaċità tal-persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Minħabba ostakli legali jew tekniċi, eluf ta' nies fl-Istati Membri kollha tal-UE għad m'għandhomx opportunità reali biex jivvutaw. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Istati Membri "biex jemendaw b'mod urġenti l-Att Elettorali tal-1976 [...], li jippermettu li jiġu implimentati standards fl-UE kollha li jiggarantixxu drittijiet reali tal-vot għall-persuni b'diżabilità".

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-fatt li aktar Stati Membri naqqsu l-età tal-votazzjoni għal 16-il sena. F'dan ir-rigward, huwa jappella lill-Istati Membri kollha biex jarmonizzaw l-età tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali taż-żgħażagħ fil-livell tal-UE.

4.5. Il-KESE jenfasizza l-importanza kbira tal-edukazzjoni politika u l-kompetenza diġitali għan-nies kollha fl-UE, u jtenni l-proposta tiegħu għal aġenzija Ewropea biex jissaħħu l-ħiliet fil-qasam tal-media taċ-ċittadini tal-UE permezz ta' programmi edukattivi ([7]).

4.6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li elezzjonijiet ġusti mgħadhomx garantiti fl-Istati Membri kollha ([8]), u għalhekk, jappella lill-gvernijiet nazzjonali kollha biex jikkonformaw ukoll mal-istandards tan-Nru 11(b) tar-rakkomandazzjoni. Jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-konformità tagħhom fir-rapport li jmiss tagħha dwar l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

4.7. Il-KESE huwa tal-fehma li peress li l-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej, it-taħriġ tal-osservaturi elettorali għandu jkun kompitu komuni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. Dan jiżgura livell ogħla ta' indipendenza tal-osservaturi kif ukoll standards għall-UE kollha għall-valutazzjoni.

4.8. Filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġi protett l-ambjent informattiv madwar l-elezzjonijiet, il-KESE jqis li hemm il-periklu li xi gvernijiet jistgħu jużaw dan bħala skuża biex jimmanipulaw id-dibattiti pubbliċi u jillimitaw il-kompetizzjoni ġusta tal-partiti demokratiċi kollha. Għalhekk, huwa jissottolinja l-importanza kbira tal-libertà tal-media, id-diversità tal-media u s-soċjetà ċivili fl-iskrutinju tal-ambjent informattiv u l-kompetizzjoni elettorali ġusta, u jtenni l-appelli tiegħu lill-atturi demokratiċi kollha biex ikomplu jtejbu s-sitwazzjoni fl-UE ([9]).

4.9. Jirrakkomanda li l-finanzjament, kif deskritt fir-rakkomandazzjoni Nru 28, minn ċittadini ta' pajjiżi terzi jew entitajiet ġuridiċi li mhumiex irreġistrati fi Stat Membru għandu jkun limitat għal ammont massimu fis-sena, u soġġett għal trasparenza sħiħa.

4.10. Il-KESE jimpenja ruħu, kif ukoll lill-membri kollha tiegħu, biex jissensibilizzaw dwar l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss u jżidu l-parteċipazzjoni, b'enfasi speċjali fuq dawk li se jivvotaw għall-ewwel darba u l-gruppi sottorappreżentati fil-parteċipazzjoni politika.

4.11. Huwa jirrakkomanda li l-logos tal-partiti fil-livell Ewropew jintwerew fuq il-polza tal-votazzjoni u l-partiti politiċi jiġu mħeġġa juru l-logos fuq il-materjal ta' reklamar kollu tagħhom.

4.12. Sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet Ewropej, il-KESE jappoġġja r-riforma tal-liġi elettorali Ewropea kif adottata mill-Parlament Ewropew, u jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri kollha jadottaw ir-riformi.

([5]) Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Id-dritt reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew: https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/information-reports/real-right-persons-disabilities-vote-european-parliament-elections-information-report.

([6]) ĠU C 56, 16.2.2021, p. 36.

([7]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 9).

([8]) OSKE, Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-Ungerija Elezzjonijiet Parlamentari u Referendum, 3 ta' April 2022. Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-ODIHR. Rapport Finali, Varsavja, 29 ta' Lulju 2023.

([9]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 9).

5. **Kummenti dwar ir-rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**

5.1. Il-KESE jilqa' l-isforzi biex tittejjeb il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, iżda jtenni li r-rappreżentanza tagħhom permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija ta' importanza kruċjali għat-tisħiħ tad-demokrazija.

5.2. Il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-movimenti fil-livell lokali u l-persuni b'esperjenza ta' faqar għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' kawża demokratika għad-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda mod aħjar biex jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet soċjali, milli b'li jkollok il-vuċijiet tal-persuni l-aktar affettwati mill-inugwaljanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali jinstemgħu fl-ispazji pubbliċi u d-dibattiti ta' politika ([10]).

5.3. Itenni li d-demokrazija rappreżentattiva u l-proċessi elettorali jibqgħu s-sinsla tad-demokrazija u d-demokrazija parteċipattiva tal-UE u li forom innovattivi ta' involviment ċiviku huma mezzi komplementari biex ir-rappreżentanti eletti jinżammu responsabbli.

5.4. Jilqa' r-rakkomandazzjoni għall-Istati Membri biex jistabbilixxu oqfsa nazzjonali mfassla apposta għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li għandhom ikopru ċ-ċiklu kollu tat-tfassil tal-politika mit-tfassil tal-aġenda sal-evalwazzjoni tal-liġijiet u l-inizjattivi ta' politika eżistenti.

5.5. Jinnota b'dispjaċir li l-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea ma tinkludix miżuri biex tiġi żviluppata aktar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-UE, li jqisu r-riżultati tal-workshops organizzati bħala segwitu għar-rapport tal-2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li jivvalutaw bir-reqqa l-adegwatezza tal-mekkaniżmi eżistenti inkluża l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

5.6. Jenfasizza li f'ċerti Stati Membri d-destinatarji tar-rakkomandazzjoni huma theddida kbira għall-ispazji ċiviċi tal-pubbliku u l-parteċipazzjoni ugwali fit-tfassil tal-politika; ċerti gvernijiet użaw id-demokrazija diretta biex idgħajfu d-demokrazija Ewropea. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tkompli l-attivitajiet tagħha biex tagħti s-setgħa direttament liċ-ċittadini, b'mod partikolari bħala parti mill-involviment kollettiv tagħhom permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-movimenti soċjali biex jiddefendu d-demokrazija u jipproteġu l-ispazji ċiviċi.

5.7. Iqis li l-aċċess mhux diskriminatorju għall-parteċipazzjoni, b'enfasi speċjali fuq id-drittijiet taċ-ċittadini żgħażagħ, iċ-ċittadini b'diżabilità u l-minoranzi huwa kruċjali. Biex titħeġġeġ parteċipazzjoni wiesgħa, l-opportunitajiet għall-involviment għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun u jistgħu ma jinkludux limiti li jipprevjenu liċ-ċittadini milli jinvolvu ruħhom.

5.8. Jikkondividi t-tħassib dwar xi organizzazzjonijiet li jippruvaw jimminaw id-demokrazija u jillimitaw l-ispazji pubbliċi, u jappella għal miżuri abbażi tal-oqfsa nazzjonali biex jeskludu organizzazzjonijiet li jiġġieldu b'mod attiv kontra d-demokrazija u l-valuri Ewropej milli jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika.

5.9. Jappella għal definizzjonijiet ċari tal-objettivi tal-istrumenti kollha abbażi tal-oqfsa nazzjonali u l-mekkaniżmi ta' feedback rispettivi. L-impatt potenzjali tal-istrumenti fuq it-tfassil tal-politika jrid ikun trasparenti, inkella ċ-ċittadini jkomplu jitilfu l-fiduċja tagħhom fid-demokrazija jekk ir-reazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi għall-kontributi ma jissodisfawx l-aspettattivi taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

5.10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu wkoll id-djalogu mas-soċjetà ċivili organizzata u r-rwol tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika tal-UE flimkien ma' forums deliberattivi.

5.11. Jilqa' l-objettiv tal-Kummissjoni li tiżviluppa s-sit web *Semma' leħnek* f'punt uniku ta' servizz għall-involviment online taċ-ċittadini, u jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu pjattaformi korrispondenti abbażi tal-oqfsa nazzjonali tagħhom li jkopru l-opportunitajiet online u offline biex jipparteċipaw.

([10]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Nikkomunikaw dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 25).

5.12. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirriforma r-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej biex tbaxxi l-età minima għall-iffirmar ta' IĊE għal 16-il sena fl-Istati Membri kollha, u testendi l-perjodu tal-ġbir tal-firem. Wara l-Brexit, jappoġġja wkoll riforma tat-Trattati tal-UE biex jitnaqqas il-limitu tal-għadd ta' firem, li bħalissa huwa miljun firma.

5.13. Sakemm ir-reġistri ta' trasparenza ma jkunux obbligatorji fl-Istati Membri kollha, jirrakkomanda li jiġi stabbilit reġistru ta' trasparenza fl-Istati Membri kollha fuq bażi volontarja biex tiġi żgurata u promossa rappreżentanza tal-interessi trasparenti u etika, li hija kruċjali għall-parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' partijiet ikkonċernati oħra.

Brussell, l-24 ta' April 2024

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE